

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Ġunju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sächsisches Oberverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – Lidl GmbH & Co. KG vs Freistaat Sachsen**

(Kawża C-134/15)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 543/2008 — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Standards għall-kummerċjalizzazzjoni — Laħam frisk tat-tjur ippakkjat minn qabel — Obbligu li jiġi indikat il-prezz totali u l-prezz skont l-unità tal-piż fuq l-ippakkjar minn qabel jew fuq tikketta mwaħħla ma' dan tal-aħħar — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 16 — Libertà li tiġi eżerċitata attivitā ekonomika — Proporzjonalità — It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE — Nondiskriminazzjoni)

(2016/C 335/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Sächsisches Oberverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Lidl GmbH & Co. KG

Konvenut: Freistaat Sachsen

**Dispożittiv**

- 1) L-eżami tal-ewwel domanda preliminari ma wera ebda fattur li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008, tas-16 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fdak li jirrigwarda l-istandardi għat-taqgħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, fid-dawl tal-libertà li tiġi eżerċitata attivitā ekonomika, kif stabilita mill-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Ūnjoni Ewropea.
- 2) L-eżami tat-tieni domanda preliminari ma żvela l-ebda element li jista' jaffettwa l-validità tal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament Nru 543/2008 fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(2) TFUE.

<sup>(1)</sup> ĠU C 205, 22.06.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-30 ta' Ġunju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Liège – il-Belġju) – Guy Riskin, Geneviève Timmermans vs État belge**

(Kawża C-176/15)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-kapital — Artikoli 63 u 65 TFUE — Artikolu 4 TUE — Tassazzjoni diretta — Intaxxar tad-dividendi — Ftehim bilaterali dwar ħelsien minn taxxa doppja — Stat terz — Kamp ta' applikazzjoni)

(2016/C 335/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Liège